MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Numru 95/2002

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra Noel Buhagiar ta' 30 sena bin Godwin u Iris nee Pace imwieled Pieta' fit-8 ta' Diċembru 1971 u residenti 19 Ibona Street Żebbuġ u għandu l-karta ta' l-identita' bin-numru 541071 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-3 ta' Jannar 2002 u matul dawn l-aħħar sena u nofs kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet

fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Akkużat ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi f'Malta f'ħinijiet differenti kellu fil-pussess tiegħu medicina ristretta u psikotropika (DHC u VALIUM) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur  tar-regolament 3(1) ta' l-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tat-3 ta' April 2002  u l-Ordni l-oħra ta' l-istess data maħruġa ai terminu ta' l-Artikolu 120A(2) tal-Kap 31; iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jġib in-numru 5410 tas-sena 1971;  il-fedina penali ta' l-imputat a fol 6 u 7;  in-nomina ta' PC 516 Alfio Borg bħala espert fotografu biex jieħu ritratti tad-dokument SG1 u SG2 wara li jkunu eżaminati mill-Ispiżjar Mario Mifsud li kien qed jiġi nominat fl-istess verbal tat-2 ta' Mejju 2002 (fol 8);  l-istqarrija ta' l-imputat a fol 15 sa 18;  id-dokument SG4 a fol 19;  il-verbal a vol 32 li bih kienet rreġistrata dikjarazzjoni da parti tad-difiża li ma kienx hemm għalfejn jerġgħu jinstemgħu x-xhieda li diġa ġew reġistrati quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta;  ir-relazzjoni ppreżentata mill-ispiżjar Mario Mifsud a fol 36 et;  id-digriet mogħti minn din il-Qorti sabiex isir social inquiry report wara li saret talba mid-difiża (fol 51);  id-dokument ppreżentat mill-istess Probation Officer.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Illi l-fatti kif deskritti mis-Supretendent Sandro Gatt huma dawn. Il-pulizija fl-ewwel ġimgħa ta’ Jannar 2002 kienet marret ħdejn id-Detox biex tgħasses għall-imputat li kien jagħmel użu minn karozza Datsun. Għall-ħabta tal-5.30am dehret tavviċina l-post din il-vettura u kienet interċettata. Fit-tfittxija fil-karozza instabu 6 qratas bid-droga suspettata eroina kif wkoll joint suspettat li kien cannabis, kif wkoll biċċa oħra cannabis u borża żgħira trasparenti li fiha kien hemm suspettat l-eroina.

Stqarrija ta’ l-imputat

Mill-istqarrija ta’ l-imputat jirriżulta dan illi ġej. Illi huwa kien fil-fatt wieqaf mix-xogħol pero kellu jerġa jsib xogħol ma l-aġent ta’ Farsons. Huwa kien jieħu relief ta’ xi Lm100 fil-ġimgħa u li kien ipejjep żewġ pakketti sigaretti kuljum. Huwa kellu żewġ karozzi, waħda Datsun ta’ kulur ġriż u Fiat 131 Ravioli. Huwa kien imur id-Detox għall-mistura għall-methadone u kien jieħu madwar 60ml kuljum. Huwa kellu problema ta’ l-eroina u kien ilu jieħu l-eroina madwar sena u nofs. Kien għamel żmien wieqaf mid-droga għax għamel żmien jieħu l-kokaina u matul l-aħħar sena u nofs ma kienx ħa kokaina għax kienet kissritlu ħajtu. Minħabba fiha kien għamel skoss dejn. Mistoqsi jekk l-affarijiet li sabu l-pulizija fil-karozza kienux tiegħu, huwa wieġeb li kienu tiegħu. Huwa nnega li qatt biegħ droga. Dwar il-qratas huwa qal li dawk kienu tiegħu u għamilhom pakketti biex jieħu filgħodu u filgħaxija. Huwa kien jieħu l-eroina billi jaħraq il-foil. Dwar il-borża zgħira li kien fiha l-eroina qal li din kien xtraha għall-prezz ta’ Lm40 meta kien fiha gramma. Il-borża hija l-kumplament tad-droga għax in-nofs l-ieħor kien għamlu pakketti hu. Huwa kkonferma wkoll li l-biċċa resina kienet tiegħu. Huwa qal wkoll li ġieli xtara gramma eroina u mar jeħodha ma ħaddieħor. Kienu joħorġu l-flus hu u dak li kien jixtrieha miegħu flimkien.

Dwar id-99 pillola DHC kif wkoll il-pillola Valium qal li dawn kienu tiegħu. Il-pilloli kien ġabhom mingħand it-tabib meta ma kienx qed jieħu droga u kienu baqgħu għandu. Ma kienx jaf illi ried ir-riċetta. Dwar il-Valium qal li ma jafx minn fejn ġabhom u kien ilhom għandu u hu ma jieħux Valium. Huwa nnega li qatt biegħ xi pilloli. Huwa qal ukoll li ma kellux ħsieb li jbiegħ il-qratas li kellu fuqu u kien ħareġ bihom biex ma jħalliehomx id-dar. Id-99 DHC u l-pillola Valium kien ser jeħodhom minflok id-droga. Dwar ir-resina l-aħħar li pejjep kien il-jum ta' qabel. F'dak il-jum stess huwa kien ħaraq l-eroina fuq il-foil.

Xehed PS 765 Samuel Attard. Dan qal li għall-ħabta tas-6.15am kienet ġiet il-vettura Datsun u waqfet quddiem ħanut li hemm fejn id-Detox. U bejn iż-żewġ seats kienu sabu biċċa tal-cannabis żgħira. Wara d-dashboard kienu sabu biċċa borża tal-plastic daqxejn imdaqqsa bi trab kannella u foil li fiha kien hemm imgeżwra 6 pakketti suspettati eroina. Meta marru d-dar għand l-imputat kienu sabu 99 DHC u 8 pilloli ta' kulur isfar. Fil-kontro eżami, meta intwera l-foil mid-difiża, ix-xhud qal li meta sabuha ma kinitx tidher maħruqa (fol 22). Meta imbgħad fetħuha fl-uffiċċju ta' l-ispettur il-foil kienet tidher dik li kien qed jgħaraf fl-awla u għal hekk kienet maħruqa min-naħa ta' ġewwa.

Xehed ukoll PC 1491 Gino Demanuele li qal li kienu marru għal xis-6.15am ħdejn id-Detox u nstabet biċċa raża tal-cannabis. Malcolm Grixti kien eleva biċċa borża tal-plastic minn taħt id-dashboard li kien fiha trab kannella suspettata droga. Kien hemm 6 pakketti bi trab suspettati droga. Minn pakkett tas-sigaretti wkoll fil-karozza ukoll ġie elevat joint suspettat tal-cannabis. Is-6 sachets kienu ppakkjati fil-foil ma dehrux li din kienet maħruqa. Meta intweriet mid-difiża huwa wieġeb li l-foil kienet tidher li hi maħruqa pero li kien jiftakar hu kienet dik li fiha kien hemm il-pakketti imgeżwrin. Jista jkun illi dik il-foil kienet ġiet elevata wkoll pero ma kienx qed jiftakarha x-xhud. Dan baqa' jinsisti li l-foil li fiha kienu imgeżwrin is-sachets ma kinitx maħruqa.

Xehed PS 365 Malcolm Grixti li qal li bejn is-seats kienu sabu biċċa blokka zgħira suspettata blokka tal-cannabis. Fid-depot saret tfittxija iktar intensiva fil-vettura fejn minn ġod-dashboard taħt l-isteering kienet instabet borża zgħira kannella suspettata eroina u sitt pakketti li kienu imkebbin fil-foil. Kien hemm wkoll xi pakkett tas-sigaretti. Ikkonferma li din is-sejba li saret wara t-tfittxija fid-dar ta' l-imputat.

Xhieda forensika

L-ispiżjar Mario Mifsud maħtur mill-Qorti stabilixxa li d-99 pillola bajda hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima II tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta; li t-8 pilloli sofor fihom sustanza Diazepam li hija kontrollata taht Parti B tat-Tielet Skeda tal-Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta; li fis-sigarett kien hemm traċċi ta' DHC u fil-blokka ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 02ATL02 kien hemm 0.865grammi ta' THC; li t-trab kannella li kien hemm fis-sitt qratas u l-borża tal-plastic fid-dokument 02ATL02 kien hemm ammont nett totali ta' 1.174grammi ta' eroina.

Xhieda difiża

Xehdet Miriam Sevasta li qalet li fin-1998 Noel Buhagiar kellu problemi tad-droga u kien jattendi d-Detox. Issa kien qed jaħdem u jidher li ma għadux jattendi d-Detox għall-methadone. Ilu li waqaf imur id-Detox mit-2 ta' Settembru 2002. Fir-rapport a fol 53 jidher li l-imputat kien qabad il-vizzju tad-droga fl-1996. Martu kienet saret taf bil-problema tad-droga meta kien biegħ kull ma kellu sabiex jixtri d-droga. Ma baqax imur id-Detox biex ma jiltaqax ma nies li huma users u minflok jieħu mediċina oħra li ttaffilu s-sickness. Jidher li f'ħajtu saru diversi kambjamenti, (fol 64).

Xehed l-imputat fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2005 u qal li hu kien ser jaħdem ma Farsons bit-trakk u x'ħin mar id-Detox għall-mistura ġew is-CID fuqu u sabulu l-pakketti bl-eroina. Hu kien jieħu gramma u jqassamha għal mal-ġurnata u kien jieħu tnejn filgħodu u tnejn f'nofsinhar u tnejn filgħaxija. Dak iż-żmien kien ibiegħ xi karozza u għal

hekk kien jkollu l-flus. Ommu wkoll ġieli tagħtu xi ħaġa tal-flus wkoll. Huwa qal li l-mara ma kinitx taf u kien joħroġ l-affarjiet miegħu. Huwa kien sejjer għax-xogħol l-ewwel darba. Kien imur id-Detox għall-mistura u kien għamel xi żmien wieqaf mid-drogi. Huwa ċaħad li qatt biegħ droga. Dik li kellu kienet għalih biss. Huwa għamel perjodu jieħu DHC's flok ma jieħu d-droga. Għalihom kellu preskrizzjoni tat-tabib. Huwa qal forsi jsib il-control card imma dawn kienu ilhom għandu. Dwar il-karozzi huwa kien jixtri waħda u jbiegħha u jixtri oħra biex jagħmel l-istess. Ma Farsons kien ilu jaħdem minn meta kellu 16-il sena u dam xi 5 jew 6 snin u imbgħad kien waqaf u beda jinnegozja l-karozzi. Illum qiegħed għal rasu u jġorr it-terrapien. Dwar il-pilloli huwa qal li dawk kienu ilhom naqra għandu. Dwar ir-relief huwa qal li dejjem tah lill-mara u qatt ma żammu għalih.

Xehed wkoll missier l-imputat Godwin Buhagiar. Huwa qal li dak iż-żmien ma kienx jaħdem. Huwa l-missier kien jaħdem ma aġent tal-luminata u kien jgħinu fil-flus u anke ommu peress li kellu żewġt itfal għadhom żgħar. Meta kien ikun hemm ħafna xogħol ma l-aġent li miegħu kien jaħdem il-missier, l-aġent kien jgħidlu ġib lit-tifel ħa jagħmel xi ħaġa. Kien jagħtuh anke LM30 fil-ġimgħa skond kif kienet tiġi u ommu kienet tagħtih għajnuna oħra. Illum t-tifel inbidel ħafna.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

## L-ewwel Imputazzjoni

Dwar l-ewwel imputazzjoni – il-pussess ta' droga eroina f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu ta' l-imputat – tirriżulta din l-evidenza:

(a) Evidenza forensika: sitt pakketti ta' eroina li jiżnu kważi l-istess u barra dan 'borża oħra' li tiżen 0.731 grammi. It-total huwa ta' 1.174 grammi.

(b) Li din instabet l-eroina moħbija fil-karozza ta' l-imputat;

(ċ) Li l-imputat kien qiegħed fl-inħawi tad-Detox f'xi sitta u kwart ta' filgħodu.

Dawn huma ċirkostanzi li juru li l-pussess ta' l-imputat ma kienx wieħed sempliċi. L-imputat qal fl-istqarrija li kellu problema ta' l-eroina, li l-pakketti kien għamilhom biex **jeħodhom filgħodu u filgħaxija** u li ħareġ bil-qratas kollha biex ma jħallihomx id-dar.

Meta xehed l-imputat li dak in-nhar kien sejjer ix-xogħol l-ewwel darba u li l-mara ma kenitx taf u għalhekk kien joħroġ l-affarijiet miegħu. Huwa kien ser jieħu **tnejn filgħodu, tnejn f'nofs in-nhar u tnejn filgħaxija.**

Bir-rispett kollu, it-tieni verżjoni dwar it-tqassim matul il-jum hija sforz da parti ta' l-imputat biex jiġġustifika li fil-karozza kellu sitt iqratas u għalhekk irtokka dak li kien qal fl-istqarrija biex it-total ikun ta' sitta.

Barra dan il-Qorti mhix konvinta li raġel ta' 30 sena li kien ilu miżżewweġ sitt snin (mill-1996) u li qabad id-droga eżatt wara li żżewweġ jibqa' jaħbi mill-mara l-vizzju tiegħu u/ jew li ma jkollu ebda rokna fid-dar fejn jista' jżomm id-droga bla ma jindunaw tal-familja.

It-tielet l-ammont misjub huwa konsiderevoli fejn si tratta ta' eroina u dan instab f'karozza f'viċinanzi ta' ċentru fejn il-possibilita' li wieħed jispaċċja hija sostanzjali meta wieħed jikkonsidra n-numru kbir ta' users tad-droga li jmorru f'dan iċ-ċentru għall-għajnuna.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-imputat ma ppruvax id-difiża tiegħu lanqas fuq bażi ta' probabilita' u li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni.

**It-tieni Imputazzjoni**

Ma hemm l-ebda dubju li d-99 pillola (Dihydrocodeine) u 8 pilloli sofor (Diazapem) instabu għand l-imputat. Huwa xehed li daw kien tahomlu tabib iżda qatt ma ppreżenta d-drug control card li turi dawn l-ammonti jew xi dokumenti ekwivalenti. Skond l-artikolu 26(1) tal-Kap 101 tali prova

trid issir mill-imputat u mhux mill-Prosekuzzjoni. Il-control card li hemm fil-proċess turi dati sa l-1999 meta dan il-każ seħħ fit-3 ta' Jannar 2001.

B'danakollu fl-imputazzjoni dawn il-pilloli huma deskritti bħala mediċina ristretta u psikotropika. Mil-Liġi jirriżulta li d-DHC taqa' taħt l-Ewwel Skeda Taqsima II tal-Kap 101u għalhekk ma tistax tkun deskritta bħala 'ristretta u psikotropika'.

Min-naħa l-oħra d-diazapem taqa' taħt il-Part B tat-Tielet Skeda tal-Kap 31 u skond ir-regolamenti ta' l-1985 (L.N.22/1985) din is-sustanza hija waħda speċifikata u mhix ristretta.

Il-Qorti qed issegwi ġurisprudenza kostanti fuq din il-materja – jiġifieri li l-Prosekuzzjoni trid tiddeskrivi d-droga kif suppost u għalhekk ġaladarba d-deskrizzjoni mogħtija mhix dik indikata mil-Liġi qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Il-pussess tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis tirriżulta mill-istqarrija ta' l-imputat stess (a fol 17) u għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat it-tielet imputazzjoni.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(f) tal-Kap 9, it-Taqsima 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), u 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 u r-regolament 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll r-regolamenti 3(1) u 5(1) ta' l-Avviż Legali 22 ta' l-1985 u l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii) issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni.

Il-Qorti, wara li semgħet lill-Probation Officer tixhed dwar il-progress magħmul mill-imputat u li llum għandu xogħol stabbli, qed tikkundanna lill-imputat għal sitt xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' tlitt mitt lira Maltija

(Lm300) liema multa tista' tiħallas b'rata ta' Lm60 fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa u jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull Lm5 liri Maltin li ma jitħallsux.

Ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9 il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta' Lm44.50 fi żmien xahar.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------